SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

27 ta' Marzu 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2011/83/UE – Artikolu 6(1)(k) u Artikolu 16(e) – Kuntratt konkluż mill-bogħod – Dritt ta' rtirar – Eċċezzjonijiet – Kunċett ta' 'oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li tneħħielhom is-siġill mill-konsumatur wara l-kunsinna' – Saqqu li l-protezzjoni tiegħu tneħħiet mill-konsumatur wara l-kunsinna"

Fil-Kawża C-681/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Diċembru 2017, fil-proċedura

**slewo – schlafen leben wohnen GmbH**

vs

**Sascha Ledowski,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. Toader, President tal-Awla, A. Rosas u M. Safjan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal slewo – schlafen leben wohnen GmbH, minn F. Buchmann, Rechtsanwalt,

– għal S. Ledowski, minn H. G. Klink, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Belġjan, minn P. Cottin u J. Van Holm, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Garofoli, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Kellerbauer u N. Ruiz García, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpetazzjoni tal-Artikolu 6(1)(k) u tal-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, slewo – schlafen leben Wohnen GmbH (iktar 'il quddiem "slewo") u, min-naħa l-oħra, Sascha Ledowski dwar l-eżerċizzju, minn dan tal-aħħar, tad-dritt ta' rtirar tiegħu fir-rigward ta' saqqu mixtri mis-sit internet ta' slewo.

### Il-kuntest ġuridiku

3 Skont il-premessi 3, 4, 7, 34, 37, 47 u 49 tad-Direttiva 2011/83:

"(3) L-Artikolu 169(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 169(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedu li l-Unjoni tikkontribwixxi biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz tal-miżuri li tadotta skont l-Artikolu 114 tiegħu.

(4) […] L-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-kuntratti tal-konsumatur mill-bogħod […] hija meħtieġa għall-promozzjoni ta' suq intern realment tal-konsumatur li jsib l-aħjar bilanċ bejn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-kompetittività tal-impriżi, filwaqt li jiżgura r-rispett għall-prinċipju ta' sussidjarjetà.

[…]

(7) L-armonizzazzjoni sħiħa ta' wħud mill-aspetti regolatorji ewlenin għandha żżid konsiderevolment iċ-ċertezza legali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-kummerċjanti. […] Barra dan il-konsumaturi għandhom igawdu minn livell komuni għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha.

[…]

(34) Il-kummerċjant għandu jagħti lill-konsumatur informazzjoni ċara u komprensibbli qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod […]

[…]

(37) Minħabba li fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, il-konsumatur ma jistax jara l-oġġetti qabel ma jikkonkludi l-kuntratt huwa għandu jkollu d-dritt ta' reċess [d-dritt ta' rtirar]. Għall-istess raġuni, il-konsumatur għandu jitħalla jipprova u jispezzjona l-oġġetti li jkun xtara sal-punt meħtieġ biex jistabbilixxi n-natura, il-karatteristiċi u t-tħaddim tal-oġġetti. […]

[…]

(47) Uħud mill-konsumaturi jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' reċess wara li jkunu użaw il-oġġetti sa tali punt li jmur lil hinn minn dak [li huwa] meħtieġ biex jistabbilixxu n-natura, il-karatteristiċi u t-tħaddim tal-oġġetti. F'dan il-każ il-konsumatur ma għandux jitlef id-dritt ta' reċess, iżda għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe valur imnaqqas tal-oġġetti. Sabiex jistabbilixxi n-natura, il-karatteristiċi u t-tħaddim tal-oġġetti, il-konsumatur għandu biss joperah jew jispezzjonhom fl-istess mod kif ikun permess f'post fen [fejn] isir bejħ bl-imnut. Pereżempju, il-konsumatur għandu biss jipprova artiklu ta' lbies u mhuwiex permess li jilbsu fit-tul. B'konsegwenza, waqt il-perjodu ta' reċess il-konsumatur għandu jopera u jispezzjona l-oġġetti b'attenzjoni xierqa. L-obbligi tal-konsumatur fil-każ ta' reċess ma għandhomx jiskoraġġixxu lill-konsumatur milli jeżerċita d-dritt ta' reċess tiegħu.

[…]

(49) Għandhom jeżistu ċerti eċċezzjonijiet mid-dritt ta' reċess, […] għall-kuntratt mill-bogħof [mill-bogħod] […]. Id-dritt ta' reċess aktarx ma jkunx xieraq fid-dawl, pereżempju, tan-natura tal-oġġetti jew tas-servizzi. […]"

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa, permezz tal-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, li tikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern billi tagħmel approssimazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar kuntratti konklużi bejn konsumaturi u kummerċjanti."

5 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Qabel ma l-konsumatur jintrabat b' kuntratt mill-bogħod […] il-kummerċjant għandu jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar u komprensibbli:

[…]

k) fejn dritt ta' reċess [dritt ta' rtirar] mhuwiex previst skont l-Artikolu 16, l-informazzjoni li l-konsumatur mhuwiex se jibbenefika minn dritt ta' reċess jew, jekk ikun il-każ, iċ-ċirkostanzi li fihom il-konsumatur jitlef id-dritt ta' reċess;

[…]"

6 L-Artikolu 9 tal-istess direttiva, intitolat "Dritt ta' reċess [Dritt ta' rtirar]" jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Ħlief fejn japplikaw l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 16, il-konsumatur għandu jkollu perjodu ta' 14 il jum biex jirreċedi minn kuntratt mill-bogħod […] mingħajr ma jagħti raġuni, u mingħajr ma jġarrab spejjeż differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 14."

7 Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/83, intitolat "Effetti tar-reċess [tal-irtirar]":

"L-eżerċizzju tad-dritt ta' reċess [rtirar] għandu jittermina l-obbligi tal-partijiet:

a) li jwettqu l-kuntratt mill-bogħod […]

[…]"

8 L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Obbligi tal-kummerċjant f'każ ta' reċess [rtirar]", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-kummerċjant għandu jagħti rimbors għall-pagamenti kollha li rċieva mingħand il-konsumatur, inklużm jekk ikun il-każ, l-ispejjeż tal-kunsinna mingħajr dewmien mhux dovut u f'kull każ mhux aktar tard minn 14-il jum minn dak li fih ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-konsumatur li jirreċedi mill-kuntratt skont l-Artikolu 11.

[…]"

9 L-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Obbligi tal-konsumatur f'każ ta' reċess [rtirar]", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Il-konsumatur għandu jkun responsabbli biss għal kwalunkwe valur imnaqqas tal-oġġetti li jirriżulta mill-manipulazzjoni tal-oġġetti minbarra dik meħtieġa biex tistabbilixxi n-natura, il-karatteristiċi u t-tħaddim tal-oġġetti. […]"

10 L-Artikolu 16 tal-istess direttiva, intitolat "Eċċezzjonijiet mid-dritt ta' reċess [rtirar]", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri ma għandhomx jipprevedu d-dritt ta' reċess stabbilit fl-Artikolu 9 sa 15 għall-kuntratti mill-bogħod […] fir-rigward ta' dan li ġej:

[…]

e) il-forniment ta' oġġetti siġillati li mhumiex adatti biex jiġu rritornati minħabba raġunijiet iġjeniċi jew marbutin mal-protezzjoni tas-saħħa u nfetħu wara l-kunsinna;

[…]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

11 slewo hija impriża ta' bejgħ online, li tikkummerċjalizza b'mod partikolari saqqijiet.

12 Fil-25 ta' Novembru 2014, S. Ledowski ordna saqqu, għal skopijiet privati, mis-sit internet ta' slewo, bil-prezz ta' EUR 1 094.52. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ riprodotti fuq il-fattura maħruġa minn slewo kienu jinkludu, b'mod partikolari, "informazzjoni għall-konsumaturi dwar l-irtirar", ifformulati kif ġej:

"L-ispejjeż tar-ritorn tal-oġġett jitħallsu minna. […] Id-dritt ta' rtirar jintilef qabel iż-żmien fil-każijiet li ġejjin: f'każ ta' kuntratti li jirrigwardaw il-forniment ta' oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene, jekk l-oġġetti jitneħħielhom is-siġill wara l-kunsinna."

13 Mal-kunsinna, is-saqqu ordnat minn S. Ledowski kien miksi b'rita ta' protezzjoni, li huwa neħħa sussegwentement.

14 Permezz ta' posta elettronika tad-9 ta' Diċembru 2014, S. Ledowski informa lil slewo li huwa kien jixtieq jirritorna s-saqqu kkonċernat u talabha torganizza t-trasport tiegħu.

15 Peress li dan it-trasport ma ġiex organizzat minn slewo, S. Ledowski assuma huwa stess l-ispejjeż tat-trasport ta' EUR 95.59.

16 S. Ledowski adixxa lill-Amtsgericht Mainz (il-Qorti Distrettwali ta' Mainz, il-Ġermanja) b'talba għal rimbors, minn slewo, tal-prezz tax-xiri u tal-ispejjeż tat-trasport tas-saqqu ikkonċernat, ta' ammont totali ta' EUR 1 190.11, miżjuda bl-interessi, kif ukoll bl-ispejjeż tal-avukat.

17 B'sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, l-Amtsgericht Mainz (il-Qorti Distrettwali ta' Mainz) laqgħet din it-talba.

18 Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Awwissu 2016, il-Landgericht Mainz (il-Qorti Reġjonali ta' Mainz, il-Ġermanja) ikkonfermat, fl-appell, l-imsemmija sentenza.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, slewo ppreżentat rikors għal *Reviżjoni* quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja).

20 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83 jeskludi d-dritt ta' rtirar biss jekk, wara li jkun tneħħielu s-siġill, l-oġġett definittivament ma jkunx jista' jiġi kkummerċjalizzat iktar, minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene, bħalma huwa l-każ b'mod partikolari ta' ċerti prodotti kożmetiċi jew ta' iġjene, bħal xkupilji tas-snien.

21 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet li jidderogaw minn dritt mogħti mil-liġi tal-Unjoni, bħad-dritt ta' rtirar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom jiġu interpretati b'mod strett.

22 Issa, b'differenza mill-oġġetti ta' iġjene fis-sens strett, saqqu rritornat minn konsumatur wara li jkun tneħħielu s-siġill ma jkunx definittivament mhux fi stat tajjeb għall-kummerċjalizzazzjoni. Din il-konklużjoni tirriżulta b'mod partikolari mill-użu ta' saqqu fis-settur tal-lukandi, mill-eżistenza, b'mod partikolari fuq internet, ta' suq għal saqqijiet użati kif ukoll mill-possibbiltà ta' tindif tas-saqqijiet użati.

23 Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, fil-każ li l-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83 għandu jiġi interpretat fis-sens li oġġetti li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett mal-ġisem tal-bniedem, bħas-saqqijiet, meta dawn jintużaw għall-iskop li għalih huma intiżi, minkejja li l-kummerċjant jista' jirrendihom mill-ġdid fi stat tajjeb għall-kummerċjalizzazzjoni permezz ta' miżuri ta' tindif xierqa, jifformaw parti mill-oġġetti li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene indikati f'din id-dispożizzjoni, tqum il-kwistjoni dwar liema kundizzjonijiet ta' ppakkjar ta' tali oġġetti għandhom ikunu ssodisfatti u jekk għandux jirriżulta b'mod ċar mill-fatti konkreti, b'mod partikolari mit-tqegħid tal-kelma "issiġġillat" fuq l-ippakkjar, li dan ma jkunx sempliċi ppakkjar għall-finijiet tat-trasport, iżda li l-oġġett ġie ssiġillat għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene.

24 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikolu 6(1)(k) tad-Direttiva 2011/83 ma tipprovdix biżżejjed preċiżjonijiet dwar il-portata tal-informazzjoni li l-kummerċjant għandu jipprovdi lill-konsumatur, qabel ma dan ikun marbut b'kuntratt mill-bogħod, f'dak li jirrigwarda ċ-ċirkustanzi li fihom il-konsumatur jitlef id-dritt ta' rtirar tiegħu, skont Artikolu 16(e) ta' din id-direttiva.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83 għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħmlu parti mill-oġġetti li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene previsti fl-imsemmija dispożizzjoni, oġġetti (bħal saqqijiet) li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett mal-ġisem tal-bniedem meta dawn jintużaw għall-iskop li għalih huma intiżi, iżda li l-kummerċjant jista' jrendi mill-ġdid fi stat tajjeb għall-kummerċjalizzazzjoni b'miżuri (ta' tindif) xierqa?

2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:
   a) Liema kundizzjonijiet ta' ippakkjar ta' oġġett għandhom ikunu ssodisfatti sabiex dan l-oġġett ikun jista' jitqies li kien issiġillat fis-sens tal-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83?

      u

   b) L-informazzjoni li l-kummerċjant għandu jipprovdi skont l-Artikolu 6(1)(k) tad-Direttiva 2011/83 qabel ma l-kuntratt jorbot lill-konsumatur, għandha tattira l-attenzjoni ta' dan tal-aħħar għall-fatt li huwa jitlef id-dritt ta' rtirar tiegħu jekk huwa jneħħi l-issiġillar tal-oġġett, b'riferiment konkret għall-oġġett mixtri (f'dan il-każ, saqqu) u għall-fatt li dan huwa ssiġillat?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

26 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83 għandux jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kunċett ta' "oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li tneħħielhom is-siġill mill-konsumatur wara l-kunsinna", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, oġġett bħal saqqu, li l-protezzjoni tiegħu tkun tneħħiet mill-konsumatur wara l-kunsinna tiegħu.

27 Qabel kollox, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2011/83, minbarra l-każijiet fejn l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tagħha huma applikabbli, il-konsumatur għandu terminu ta' erbatax-il jum sabiex jirtira minn kuntratt mill-bogħod, b'mod partikolari mingħajr ma jkollu jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu.

28 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li mill-Artikolu 12(a) ta' din id-direttiva jirriżulta li l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar għandu bħala effett li jittermina l-obbligu tal-partijiet li jeżegwixxu l-kuntratt mill-bogħod.

29 L-Artikolu 16(e), tal-imsemmija direttiva jipprevedi eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar, fir-rigward tal-kuntratti mill-bogħod, f'dak li jirrigwarda l-provvista ta' oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li tneħħielhom is-siġill mill-konsumatur wara l-kunsinna.

30 Madankollu, il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tipprovdix elementi dwar il-portata eżatta ta' dan il-kunċett ta' "oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li tneħħielhom is-siġill mill-konsumatur wara l-kunsinna", li jippermettu li jiġu ddeterminati b'ċertezza liema huma l-oġġetti li jaqgħu taħt dan il-kunċett u, f'dan il-każ, jekk oġġett bħal saqqu li l-protezzjoni tiegħu tkun tneħħiet wara l-kunsinna tiegħu jaqax fl-ambitu tiegħu.

31 Għaldaqstant, għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest li tidħol fih u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li din tagħmel parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Verbraucherzentrale Berlin, C-485/17, EU:C:2018:642, punt 27 u tat-13 ta' Settembru 2018, Starman, C-332/17, EU:C:2018:721, punt 23).

32 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2011/83, moqri fid-dawl tal-premessi 3, 4 u 7 tagħha, din id-direttiva hija intiża li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Barra minn hekk, fil-politiki tal-Unjoni, il-protezzjoni tal-konsumaturi, li jinsabu f'pożizzjoni ta' inferjorità fil-konfront ta' kummerċjanti, peress li huma għandhom jitqiesu li huma inqas informati, ekonomikament iktar dgħajfa u b'inqas esperjenza legali mill-kontropartijiet tagħhom, hija stabbilita

fl-Artikolu 169 TFUE kif ukoll fl-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Marzu 2017, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main, C-568/15, EU:C:2017:154, punt 28; tal-4 ta' Ottubru 2018, Kamenova, C-105/17, EU:C:2018:808, punt 34, u tat-23 ta' Jannar 2019, Walbusch Walter Busch, C-430/17, EU:C:2019:47, punt 34).

33 Fir-rigward tad-dritt ta' rtirar, dan huwa intiż li jipproteġi lill-konsumatur fis-sitwazzjoni partikolari ta' bejgħ mill-bogħod, li fiha huwa ma għandux il-possibbiltà *in concreto* li jara l-prodott jew li jaċċerta ruħu mill-karatteristiċi tas-servizz qabel il-konklużjoni tal-kuntratt. Dan id-dritt huwa għaldaqstant intiż jikkumpensa l-iżvantaġġ tal-konsumatur f'kuntratt mill-bogħod, billi jagħtih perijodu ta' riflessjoni xieraq li matulu jkollu l-possibbiltà li jeżamina u jipprova l-oġġett akkwistat (sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, Walbusch Walter Busch, C-430/17, EU:C:2019:47, punt 45).

34 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83, li jikkostitwixxi eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar, għandu, bħala dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tillimita d-drittijiet mogħtija għal finijiet ta' protezzjoni, jiġi interpretat b'mod strett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, Kušionová, C-34/13, EU:C:2014:2189, punt 77).

35 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda.

36 F'dan ir-rigward, il-premessa 49 tad-Direttiva 2011/83 tispeċifika li eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar tista' ssib il-ġustifikazzjoni tagħha minħabba n-natura tal-oġġetti partikolari.

37 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tal-Artikolu 16(e) ta' din id-direttiva, hija n-natura ta' oġġett li tista' tiġġustifika l-issiġillar tal-ippakkjar tiegħu għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li, għaldaqstant, it-tneħħija tas-siġill ta' tali ppakkjar iċċaħħad l-oġġett li jinsab fih mill-garanzija f'termini ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene.

38 Ladarba l-ippakkjar tiegħu jkun tneħħielu s-siġill mill-konsumatur u, għaldaqstant, ikun imċaħħad mill-garanzija f'termini ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene, hemm ir-riskju li tali oġġett ma jkunx jista' jerġa jintuża minn terz, u, għalhekk, li ma jistax ikun iktar is-suġġett ta' kummerċjalizzazzjoni mill-ġdid mill-kummerċjant.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-aċċettazzjoni tad-dritt, għall-konsumatur, li jimplimenta d-dritt ta' rtirar tiegħu billi jirritorna lill-kummerċjant tali oġġetti mingħajr li l-ippakkjar tiegħu jkun tneħħielu s-siġill tmur kontra r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, espressa fil-premessa 4 tad-Direttiva 2011/83, li din id-direttiva għandha timmira li ssib bilanċ xieraq bejn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u l-kompetittività tal-impriżi.

40 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar previst fl-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83 japplika biss jekk, wara li l-ippakkjar tiegħu jkun tneħħielu s-siġill, l-oġġett li jkun jinsab fih definittivament ma jkunx għadu fi stat tajjeb għall-kummerċjalizzazzjoni, minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene, peress li jkun impossibbli jew eċċessivament diffiċli, minħabba n-natura stess ta' dan l-oġġett, li l-kummerċjant jieħu miżuri li jippermettu li dan jerġa' jitqiegħed għall-bejgħ mingħajr ma madankollu jkun ta' perikolu għal wieħed jew l-ieħor minn dawn ir-rekwiżiti.

41 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, saqqu, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-protezzjoni tiegħu tkun tneħħiet mill-konsumatur wara l-kunsinna tiegħu ma jistax jaqa' taħt l-eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar previst fl-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83.

42 Fil-fatt, minn naħa, tali saqqu, għalkemm potenzjalment użat, ma jidhirx, minħabba dan il-fatt biss, definittivament mhux tajjeb sabiex jerġa' jintuża minn terz jew sabiex ikun s-suġġett ta' kummerċjalizzazzjoni mill-ġdid. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar, b'mod partikolari, li l-istess saqqu wieħed iservi lill-klijenti suċċessivi ta' lukanda, li jeżisti suq ta' saqqijiet użati u li saqqijiet użati jistgħu jkunu s-suġġett ta' tindif fil-fond.

43 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dritt ta' rtirar, saqqu jista' jitqabbel ma oġġett ta' lbies.

44 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-premessi 37 u 47 tad-Direttiva 2011/83, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li x-xerrej ta' oġġett ta' lbies ikun jista', fil-kuntest ta' bejgħ mill-bogħod, jipprovah sabiex "[j]istabbilixxi n-natura, il-karatteristiċi u t-tħaddim" u, jekk ikun il-każ, fi tmiem din il-prova, jeżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu billi jerġa' jibgħatu lura lill-kummerċjant.

45 Issa, huwa paċifiku li numru ta' oġġetti ta' lbies, meta jiġu pprovati għall-iskop li għalih huma intiżi, jistgħu jiġu f'kuntatt dirett mal-ġisem tal-bniedem, bħalma dan ma jistax jiġi eskluż fil-każ ta' saqqijiet, mingħajr madankollu ma huma suġġetti fil-prattika għal rekwiżiti f'termini ta' protezzjoni speċjali sabiex jiġi evitat dan il-kuntatt meta jiġu pprovati.

46 Tali assimilazzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' oġġetti, jiġifieri l-oġġetti ta' lbies u s-saqqijiet, hija, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, possibbli, sa fejn, anki fil-każ ta' kuntatt dirett ta' dawn l-oġġetti mal-ġisem tal-bniedem, jista' jkun preżunt li l-kummerċjant jista' jirrendihom, wara li jkunu ntbagħtu lura mill-konsumatur, permezz ta' trattament bħal tindif jew diżinfestazzjoni, tajbin sabiex jerġgħu jintużaw minn terz u, għaldaqstant, għal kummerċjalizzazzjoni mill-ġdid, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene.

47 Xorta jibqa' l-fatt li, skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2011/83, moqri flimkien mal-premessa 47 tagħha, il-konsumatur huwa responsabbli għal kwalunkwe tnaqqis fil-valur ta' oġġett li jirriżulta minn manipulazzjonijiet minbarra dawk li huma neċessarji għall-istabbiliment tan-natura, tal-karatteristiċi u tat-tħaddim tajjeb tiegħu, mingħajr ma jitlef għaldaqstant id-dritt ta' rtirar tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, Messner, C-489/07, EU:C:2009:502, punt 29).

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jaqax taħt il-kunċett ta' "oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li tneħħielhom is-siġill mill-konsumatur wara l-kunsinna", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, oġġett bħal saqqu, li l-protezzjoni tiegħu tkun tneħħiet mill-konsumatur wara l-kunsinna tiegħu.

### *Fuq it-tieni domanda*

49 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

### Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 16(e) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jaqax taħt il-kunċett ta' "oġġetti ssiġillati li ma jistgħux jiġu rritornati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa jew ta' iġjene u li tneħħielhom is-siġill mill-konsumatur wara l-kunsinna", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, oġġett bħal saqqu, li l-protezzjoni tiegħu tkun tneħħiet mill-konsumatur wara l-kunsinna tiegħu.**

Firem